Minuti tal-laqgħa numru tmienja u sittin (68) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, li nżammet nhar l-Erbgħa, 27 ta' Settembru 2023 fis-6.30pm fl-uffiċċju amministrattiv f'34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

| | | |
|---|---|---|
| **68.01** | **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**<br>Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva ittri ta' apoloġiji mis-Sur Matthew Chetcuti, is-Sur Kris Grech, u mis-Sa Doris Coleiro. Dawn kienu skużati b'apoloġija. Is-seduta bdiet nofs siegħa tard għaliex ma kienx hemm quorum. Is-seduta kienet ippreseduta mis-Sindku, s-Sur Sandro Craus u l-membri qalu t-talba tal-bidu flimkien. | Talba u ittri ta' apoloġija |
| **68.02** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru sebgħa u sittin (67).**<br>Il-minuti tas-seduta numru sebgħa u sittin kienu mpoġġija għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekondati mis-Sur Chris Farrugia wara li kienu meħuda bħala moqrija għaliex kienu pprovduti mal-agenda. Dawn kienu unanimament approvati u ffirmati. | Minuti |
| | **Punti mill-Minuti** | |
| **68.02.01** | Dwar l-iżvilupp li qed isir fuq ix-xogħlijiet ta' restawr tal-Muniċipju, il-kuntrattur se jibda' x-xogħlijiet tad-dwal, ilma, drenaġġ, ac's, internet wires ecc. Ix-xogħol ta' tqaxxir fuq tal-ġebel issa ġie fi tmiemu u l-kuntrattur qed ikaħħal il-fili. Il-VRF (mutur kbir wieħed tal-ac) se jkun fuq wara tal-binja u mhux fuq quddiem flimkien mal-ġeneratur. Kien hemm mistoqsija jekk hux se jkun cladded il-ġeneratur għax irridu naraw x'hemm fil-pjanti. | Restawr tal-Muniċipju |
| **68.02.02** | Dwar it-tender tal-latrina tal-Baħrija, din se toħroġ pubblika wara li l-KLR se jibbenefika minn skema lokali tad-Dipartiment Gvern Lokali biex din titranġa u ssir waħda awtomatika. Naturalment qagħdna attenti biex ġaladarba jsiru ix-xogħlijiet, din tkun aċċessibbli minn xi ħadd b'siġġu tar-roti u prams/pushchairs, li s'issa qatt ma kienet. Waħda mir-raġunijiet li din se tkun awtomatika, hija għaliex b'hekk se nkunu qed niffrankaw mil-konsum tal-ilma, dawl u sapun. | Latrina awtomatika tal-Baħrija |
| **68.02.03** | Iż-żgħażugħa Abigail Farrugia Attard laqgħet l-istedina tal-Kunsill Lokali tar-Rabat u irrappreżentat lir-Rabat fil-Parlament taż-Żgħażagħ. Hija tkellmet ukoll f'intervent li għamlet. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus se jkun qed jistedinha biex jagħtiha token tal-kontribut siewi li tat. | Parlament taż-żgħażagħ |
| **68.02.04** | L-attività tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, bl-isem Rabat Sacrum kienet suċċess fenomenali. Din l-ewwel edizzjoni kienet waħda fejn tgħallimna ħafna mill-iżbalji li jiġru u mill-aspett loġistiku, kien evalwaqt kollox. Dan se jkompli | Rabat Sacrum |

| | | |
|---|---|---|
| | jkun evalwat f'laqgħa oħra li se ssir il-ġimgħa d-dieħla tal-kumitat Rabat Sacrum. F'dan il-waqt, is-Sur Rudolph Grima qal illi jekk terġa' ssir is-sena d-dieħla - jiġri x'jiġri l-għaqdiet mhux se jkunu jistgħu joħorġu stqarrijiet mingħajr l-approvazzjoni tagħna, wara li waħda minnhom kienet deskritta bħala 'misleading' u setgħet ikkaġunat taħwid jew saħansitra inftehmet ħażin għaliex il-kliem li nqara' fuq il-poster kien 'Rabat Sacrum – Cancelled'. | |
| **68.03** | **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 351 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 70**<br>Kienu approvati iċ-ċedola tal-pagamenti numru 351 kif ukoll dik tax-xogħlijiet u xiri ta' prodotti numru 70, għajr minn dik tal-aħħar items 6, 40 u 41. | Ċedoli tal-pagamenti u xogħlijiet |
| **68.03.01** | Kien hemm diskussjon dwar il-busti li xtaq jagħmel il-Kunsill Lokali tar-Rabat biex jitpoġġew bħala mafkar għall-politiċi is-Sur Tony Abela u s-Sur Daniel Micallef li ħallewna ftit tax-xhur ilu. Għaldaqstant, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab biex fil-laqgħa li jmiss ikun magħna l-artist is-Sur Joseph Scerri. | Busti lil Tony Abela u Daniel Micallef |
| **68.04** | **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**<br>Ma kienx hemm f'dan il-punt. Issemmew fl-aħħar. | Mistoqsijiet |
| **68.05** | **Ftehim mal-Knisja dwar il-Kappella ta' Qasgħa**<br>Il-KLR qabel mal-ftehim li kien provdut mal-agenda, biex il-Kunsill Lokali tar-Rabat iħallas għall-ispejjeż tal-elettriku li hemm fuq il-kappella ta' Qasgħa u ma joqgħodx jidħol fl-ispiża ta' arloġġ addizzjonali. L-elettriku hemm bżonnu biex inħaddmu l-pompa li tpoġġiet dan l-aħħar u tibda' taħdem is-sistema tal-irrigazzjoni. | Arloġġ tad-dawl f'Ta' Qasgħa |
| **68.06** | **Librerija Reġjonali - draft agreement**<br>L-agreement kien ipprovdut mal-agenda. Il-KLR ma qabilx ma dan l-abbozz. Dan se jiġi kkomunikat mar-Reġjun Punent. | Agreement |
| **68.07** | **It-Tieni Rapport Finanzjarju (Jannar - Ġunju 2023)**<br>Il-KLR approva r-Rapport Finanzjarju tat-tieni kwart tas-sena 2023 b'vot unanimu. | Rapport Finanzjarju tat-tieni kwart. |
| **68.08** | **PA 4672/23 Żvilupp fil-Baħrija - To construct a 2 storey structure to form two separate dwellings with pools and basements.**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat se joġġezzjoni għal dan l-iżvilupp massiġġ fuq ix-xahri fil-Baħrija fil-limiti tat-triq ta' Fomm ir-Riħ. Dan l-iżvilupp se jkun qed jeqred l-inħawi rurali tal-Baħrija għaliex hemm saħansitra proposta ta' anke *swimming pools.* | Żvilupp fit-Triq ta' Fomm ir-Riħ |
| **68.08.01** | Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-KLR sabiex jevalwa l-'fresh plans' tal-permess ta' 5, Sqaq 1, Triq San Franġisk, ir-Rabat għaliex jidher li l-iżviluppatur se jkompli b'dak li kien qed jipproponi u l-ġirien qed jilmentaw li se tikkrollalhom id-dar bl-istess żvilupp. Hawn is-SE intalab jara x'sar minnu l-proċess tal-iskedar tal-inħawi tal-foss ta' San Pawl**.** | Żvlupp propost fil-foss ta' San Pawl |
| **68.09** | **Ftuħ ta' Instagram Account u min se jimmaniġġjaħ**<br>Minħabba l-attività Rabat Sacrum infetaħ kont fuq Instagram mill-organizzaturi bl-isem Rabat Sacrum u mhux Kunsill Lokali tar-Rabat. | Instagram |
| **68.10** | **Ħlasijiet tar-Rimi extra - kuntratt tal-knis tat-toroq**<br>Is-SE qara t-talba ta' Waste Collection Ltd fejn dawn qed jitolbu li jitħallsu tat-tunnellaġġ tal-iskart li dieħel fil-Wasteserv b'vettura li mhix waħda minn dawk imniżżla fil-kuntratt. Il-Kunsillieri qablu li dan jitfa' dubju kemm l-istess skart qed ikun iġġenerat fir-Rabat għax suppost l-iskart li qed jintefa' fil- | Waste Collection Ltd |

| | | |
|---|---|---|
| | vettura hu mil-knis u d-dustbins biss. Għaldaqstant it-talba ma kienetx milqugħa. | |
| **68.01.01** | Is-SE semma' proposta li saret fi ħdan ir-Reġjun Punent biex terġa' tinbidel l-iskeda tal-iskart li kienet inbidlet f'Jannar 2023. Il-proposta hija li l-ħġieġ jinġabar kull l-ewwel u t-tielet Erbgħa u mhux Ġimgħa tax-xahar. Il-ħsieb warajha hu li l-kaxxi tal-ħġieġ li qed joħorġu r-residenti tal-inqas jinġabru l-Ħamis, jiġifieri l-għada, għaliex dawn mhux qed jitneħħew fit-toroq. Il-Kunsill kien unanimu illi dan ma jsirx għaliex il-ġbir tal-ħġieġ ilu minn ħafna qabel Jannar 2023 jinġabar kull l-ewwel u t-tielet Ġimgħa tax-xahar. | Ġabra tal-ħġieġ |
| **68.11** | **Punti Oħra** | |
| **68.11.01** | Is-Sur Nazju Cassar talab illi jitnaddaf ta' Koronja taħt il-*barrier* tal-ħadid fejn ikun hemm il-*bowsers* ipparkjati. Hu esebixxa minn fuq il-mobile ritratti li juru terrapien/naqal li jġorr l-ilma u li qed jimblokka l-ilma li jmur fil-Wied u għaldaqstant jibqa' għadira fit-triq. | Tindif f'Ta' Koronja |
| **68.11.02** | Is-Sur Nazju Cassar talab żewġ jardi konkos sabiex jitwitta' f'Binġemma fejn il-Kamra tad-dawl għaliex inqala' ż-żrar u hemm bżonn jillixxja. Is-SE se jara jekk hemmx xahri li ma jkunx hemm problemi mal-ERA. | Konkos f'Binġemma |
| **68.11.03** | Is-Sur Nazju Cassar talab illi jitranġa l-poġġaman tal-Pont tad-Dwejra għaliex dan hu ta' periklu speċjalment għall-pedestrians. | Poġġaman tal-Pont tad-Dwejra |
| **68.11.04** | Is-Sur Rudolph Grima talab illi l-kamra li hemm fejn il-Kastell tal-Virtù jingħalaq l-aċċess tagħha. Peress li din hija ta' terzi l-ewwel pass se jkun illi niċċekkjaw ta' min hi u jekk hix tal-Gvern. Din qed isservi ta' miżbla u wkoll mezz ta' abbuż. | Kamra f'Tal-Virtù |
| **68.11.05** | Is-Sur Rudolph Grima talab sabiex jibda' jmur il-kennies fi Triq San Dwardu għaliex apparentement din qed tinqabeż. | Knis ta' Triq San Dwardu |
| **68.11.06** | Is-Sur Rudolph Grima xtaq data meta se jibda l-proġett ta' San Duminku. Is-SE ippreżenta ir-rapport tal-evalwaturi tat-tender li qed ikun rakkomandat biex ix-xogħlijiet isir minn Coreworks Ltd. Dwar dan kien hemm qbil unanimu biex jibda' minnufih filwaqt li qed nitolbu lill-*Managing Authority* sabiex iġeddu ż-żmien li fiha jintemm il-programm tal-Interreg minħabba l-intoppi li qalgħu is-Sovratendenza għall-Patrimonju Kulturali. Dawn la jridu ġwiebi imħaffra u lanqas tankijiet għat-tisqija ta' dan il-ġnien 'il fuq mill-wiċċ tat-triq. | Interreg Italja-Malta |
| **68.11.07** | Is-Sur Norbert Grech talab li jissolva l-każ billi titwaħħal il-mera mkissra faccata tat-triq taz-zoo fi Triq San Martin. Dwar dan il-każ, is-SE se jkellem lis-Surġent Janice Giordmaina ħalli naraw min kien kissirha waqt aċċident stradali. | Mera Mkissra |
| **68.11.08** | Is-Sur Chris Farrugia talab illi jittella' ħajt li jinsab imwaqqa' f'Għar Barka. Is-SE se jkun qed jitlob lill-handyman jara xi ħsarat hemm. | Ħajt tas-Sejjiegħ |
| **68.11.09** | Is-Sur Chris Farrugia qal illi fi Triq San Vincenz Ferreri, faċċata tal-istazzjon Radju Marija għal mal-faċċata tal-iskola tal-Ursolini, hemm trinka li imlewha biż-żrar u qed jinqala'. Talab li jsir ftit patching issa li se tibda' l-iskola mil-ġdid u għaldaqstant se tkun iffrekwentata aktar mis-soltu. | Patching |

| | | |
|---|---|---|
| **68.11.10** | Is-Sur Chris Farrugia talab li jsir rinfriskar taż-żebgħa tat-toroq fi Triq il-Virtù, u fit-toroq tal-Virtù kollha u wkoll fi Triq il-Buskett. | Road Markings |
| **68.11.11** | Is-Sur Norbert Grech talab li jsir poġġaman fuq żewġ tarġiet għoljin quddiem il-ħanut tal-Merċa fi Triq Bużugrilla fejn hemm diżlivell għall-Appartamenti ta' Għajn Qajjet. Se tinġieb stima. | Poġġaman |
| **68.12** | **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**<br>Din il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm u dik li jmiss se ssir nhar il-25 ta' Ottubru 2023 fis-6.00pm. | Aġġornament |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum minn /10/23 minn Alexander Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku